**27 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

John sive Ġanni Mizzi

*versus*

Anthony Montanaro

**Libell — Prova — Verità tal-Konvinċju — Parti Attiva fil-Politika — Art. 16 inċiż (d) tal-Kap. 117.**

*Fost il-każi li fihom il-Liġi tal-Istampa tippermetti l-prova tal-verità tal-fatti, hemm dak meta l-kwerelant inġurjat bl-artikolu publikat f'ġurnal ikun jieħu parti attiva fil-politika, u l-fatti lilu attribwiti huma dwar dik il-parti attiva li hu jkun qed jieħu fil-politika. U min hu membru ta' kumitat distrettwali ta' partit politiku, jew jieħu parti f'xi korp jew enti ieħor tal-partit, għandu jitqies li hu qed jieħu dik il-parti attiva, u għalhekk għalieh huwa applikabbli l-inċiż rilevanti tal-artikolu tal-liġi li jippermetti din il-prova.*

*Imma dik il-prova mhix ammessa jekk hu ma jkunx qiegħed jieħu dik il-parti attiva; għax jeħtieġ li l-attività politika tkun riferibbli għaż-żmien tal-fatti lilu addebitati.*

*Però, jekk il-kwerelat irid isostni li kien hemm da parti tal-kwerelant "ripresa" tal-attività politika fiż-żmien tal-fatti addebitati, din ir-"ripresa" mhux neċessarjament trid tirriżulta "aliunde", imma tista' anki tirriżulta mill-fatti addebitati fl-artikolu nkriminat; u l-kwerelat għandu kull dritt li jressaq bħala prova kull fatt li hu rilevanti biex juri li, kif jippretendi hu, kien hemm ripreża mill-parti tal-*

*kwerelant tal-attività politika tiegħu; u jekk jinzerta li l-fatt li jrid jipproduċi biex jipprova din ir-ripreża hu in parti l-istess fatt tal-verità tal-konviċju, b'daqshekk ma għandux ikun prekluż li jġib in prova dak il-fatt biex jipprova r-ripreża tal-attività politika da parti tal-kwerelant.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-kwerelat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fuq kwerela ta' John sive Ġanni Mizzi, talli per mezz ta' artikolu "Tolleranza Żejda fit-Tarzna u mal-Gvern" publikat fil-gażżetta "Il-Berqa", li ġġib in-numru 8258 u d-data tad-9 ta' Frar 1959, u li ġie stampat fl-ewwel paġina tal-imsemmija gazzetta fit-tielet u r-raba' u l-ħames kolonni, u jibda bil-kliem "Mit-tarzna" u jispiċċa bil-kliem "għax bieġħ kollox"; li kopja ta' dik il-gazzetta ġiet annessa mal-kwerela bħala Dok. A biex tagħmel parti integrali minnha, il-kwerelat ingurja lill-kwerelant bi kliem li jattribwulu għemil illegali u jissottomettuh għall-mibgħeda u d-disprezz tal-publiku, u dan fil-Belt Valletta u fi bnadi oħra;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-14 ta' Mejju 1959, li biha, wara li ddikjarat libelluż l-artikolu nkriminat, u ddikjarat inammissibbli l-prova tal-verità tal-fatti allegati, sabet lill-kwerelat ħati skond l-imputazzjoni, u kkundannat lill-istess kwerelat għal £6 multa u l-ispejjeż;

Rat ir-rikors li bih il-kwerelat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tal-14 ta' Mejju 1959 tiġi revokata, billi tiġi dikjarata ammissibbli l-prova tal-verità tal-fatti allegati kontra l-kwerelant fl-artikolu nkriminat, u, wara li jiġi konstatat li l-kwerelat irnexxa f'din il-prova fis-sustanza tagħha, l-istess kwerelat jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Ma jidherx, la mir-rikors tal-appell u lanqas mill-argumenti fid-dibattitu, illi l-kwerelat qed jissolleva xi kwistjoni dwar li l-artikolu nkriminat hu libelluż;

Il-kwerelat isostni, però, li għandu jiġi ammess jagħmel il-prova tal-verità tal-fatti in bażi għall- inċiż (d) tal-ewwel subartikolu tal-art. 16 tal-Kap. 117 Ediz. Riv., in kwantu li l-kwerelant, kif jippretendi l-kwerelat, hu persuna li tieħu parti attiva fil-politika, u l-fattijiet lilu attribwiti huma dwar il-parti li hu jieħu fil-politika;

Ma jidherx li hu kontrastat li, almenu mill-1955, il-kwerelant ma baqgħax President tal-Kumitat Distrettwali tal-Labour Party tal-Mosta, u ma ħa parti f'ebda korp jew enti ieħor tal-partit. Kieku l-fatt addebitat lill-kwerelant kien jirriferixxi għal dak iż-żmien li fih hu kien president kif fuq imsemmi, allura l-każ kien jaqa' taħt l-inċiż (d) fuq imsemmi, skond dak li ġie ritenut minn din il-Qorti in re "Zahra vs. Montanaro" fis-6 ta' Ġunju 1959; għaliex kien ikun hemm mill-parti tal-kwerelant parteċipazzjoni attiva fil-politika. Iżda l-fatt imsemmi fl-artikolu nkriminat ma jirrimontax għal dik l-epoka; u din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li jeħtieġ li l-attività politika tkun riferibbli għaż-żmien tal-fatti addebitati. Is-sentenza nvokata mill-kwerelant, fil-Vol. XXV-II-318, ma tgħoddx għall-assunt tiegħu, anzi tirribadixxi dak li ntqal fuq. Infatti, f'dik il-kawża l-kwerelant, hu veru, ma kienx għadu jkopri fiż-żmien tal-kawża l-kariga uffiċjali li kellu qabel, u għalhekk issemmew il-"funzioni cessate", fuq l-insenjament tal-Frola. iżda l-fatti addebitati lil dak il-kwerelant kienu jirriferixxu għall-epoka li fiha l-kwerelant f'dik il-kawża kellu dik il-kariga;

Il-kwerelat, però, isostni li kien hemm mill-parti tal-kwerelant, fiż-żmien tal-fatti lilu addebitati, "ripresa" tal-attività politika tiegħu; u biex jassoda din it-teżi, il-kwerelat qed joffri li jipprova li, fil-jum tal-luttu dikjarat tali mil-Labour Party, il-kwerelant inċita nies oħra biex ma jmorrux jaħdmu, skond id-direttivi ta' dak il-Partit, u jargumenta li dan l-aġir tiegħu, meqjus fuq l-isfond tal-attività tiegħu politika fil-passat kif fuq imsemmija, jikkostitwixxi attività politika fiż-żmien tal-fatti addebitati għall-finijiet tal-inċiż (d) fuq imsemmi;

L-Ewwel Qorti ddikjarat inammissibbli din il-prova offerta mill-kwerelat, għaliex qalet li din hi l-istess prova

tal-verità tal-fatti, mentri (kompliet tgħid) jeħtieġ li l-attività politika tirriżulta mhux fil-fatt addebitat, imma "aliunde";

Bir-rispett kollu għall-ewwel ġudikant, din il-Qorti ma taqbelx ma' din il-konklużjoni. L-ewwelnett, ma hux eżatt li l-prova offerta hija l-istess prova tal-"exceptio veritatis", għax fil-fatt hi tali biss "in parte"; infatti, il-kwerelat, biex jipprova li anki fiż-żmien ta' issa l-kwerelant qed jieħu parti attiva fil-politika, ma hux sejjer jipprova dak kollu li hemm allegat fl-artikolu, ċjoè anki li l-kwerelant dak inhar tal-jum tal-luttu mar għax-xogħol, għax b'daqshekk, anzi, kien ikun hemm nuqqas ta' attività politika, imma biss li hu nċita lil ħadd ieħor biex ma jmurx għax-xogħol skond ma ordna l-Partit, mentri għall-finijiet tal-"exceptio veritatis" jeħtieġ li jiġu pruvati ż-żewġ fatti, li hu keskes in-nies biex ma jmorrux, iżda mar hu, għax appuntu fuq il-kuntrast ta' dawk iż-żewġ fatti bi bażata l-inġurja. It-tieni, ma jistax jiġi dubitat li l-kwerelat għandu d-dritt li jressaq, bħala prova, kull fatt li hu rilevanti biex juri li, kif jippretendi hu, kien hemm ripreża mill-parti tal-kwerelant tal-attività politika tiegħu. "Per accidens", inzerta li l-fatt li jrid jipprova biex jassoda din ir-ripreża hu, "in parte", l-istess fatt tal-verità tal-konviċju; imma b'daqshekk ma hux lilu prekluż li jġib in prova dak il-fatt, mhux f'dan l-istadju bħala prova tal-verità tal-konviċju, imma bħala prova tar-ripreża tal-attività politika. Tant hu hekk, li, jekk il-Qorti eventwalment tasal għall-konklużjoni li bil-prova ta' dak il-fatt ġiet assodata r-ripreża, allura ma tieqafx hemm, iżda jkun dejjem jeħtieġ li ssir il-prova tal-konviċju skond il-liġi; u jekk, inveċe, il-Qorti eventwalment tasal għall-konklużjoni li dak il-fatt ma jwassalx għall-prova tar-ripreża, allura l-istadju tal-verità tal-konviċju lanqas biss ikun hemm loku, u b'hekk bl-ebda mod ma hi preġudikata l-eċċezzjoni tal-verità tal-fatti addebitati. Hemm anki rifless ieħor; l-istess fatt tal-inċitament ma hux valjat mill-istess aspett fiż-żewġ każijiet, imma minn aspett divers; għax għall-finijiet tal-prova tar-ripreża tal-attività politika l-Qorti tara jekk dak il-fatt hux biżżejjed biex jammonta għal dik ir-ripreża, mentri għall-finijiet tal-prova tal-verità tal-konvinċju

jidhlu konsiderazzjonijiet oħra proprji tal-"exceptio veritatis";

Għalhekk ma għandux ikun hemm ebda ostakolu legali li l-kwerelat iġib provi biex juri li dak inhar tal-jum tal-luttu l-kwerelant, kif qed jallega l-kwerelat, inċita lil xi nies biex ma jmorrux għax-xogħol, u dan biex jipprova, kif jaħseb hu, li l-kwerelant reġa' rriprenda l-attività politika tiegħu;

Id-difensur tal-kwerelant osserva, però, li anki kieku wieħed kellu, "ex hypothesi", jammetti li l-kwerelant f'dak il-jum inċita xi nies biex ma jmorrux jaħdmu, b'daqshekk ma hemmx attività politika għas-sens tal-inċiż (d) fuq imsemmi;

Din il-Qorti rriflettiet ħafna fuq din l-osservazzjoni, li ċertament għandha l-piż tagħha, iżda waslet għall-konklużjoni li ma għandhiex forza tali li in bażi tagħha jistgħu jiġu, "sic et simpliciter", u "a priori" esklużi l-provi li jrid iġib il-kwerelat. Infatti l-Qorti għamlet dawn ir-riflessjonijiet in propożitu fis-sentenza fuq imsemmija, li reċentement tat din il-Qorti dwar il-portata tal-kliem "jieħu parti attiva fil-politika"; ġie enfasizzat li ma kienx la opportun u lanqas prattikabbli li tingħata definizzjoni riġida tas-sinifikat ġuridiku ta' dawk il-kliem, imma li jkun aħjar jekk jiġu valjati ċ-ċirkustanzi ta' kull każ. Issa, ma jidherx ġust li l-kwerelat jiġi prekluż milli jagħmel il-provi li hu jidhirlu li jistgħu jwasslu biex jistabbilixxu li l-kwerelant reġa' qiegħed jieħu parti attiva fil-politika, billi din il-Qorti, bla ma tisma dawk il-provi, "a priori", tiddikjara li fi kwalunkwe każ ma humiex suffiċjenti, peress li, anki jekk il-kwerelant dak inhar tal-jum dikjarat jum ta' luttu mil-Labour Party keskes lil ħadd ieħor biex ma jmurx jaħdem, b'daqshekk hu ma għandux jitqies li rriprenda l-attività tiegħu politika preċedenti; u ingħad li ma "hux ġust", għaliex hu aktar loġiku li l-Qorti tesprimi ruħha dwar jekk il-fatti, li l-kwerelat irid jipprova biex jattira l-applikabbilità tal-inċiż (d), jammontax għar-ripreża ta' dik l-attività jew le, "wara" li tkun anki semgħet il-mod kif il-kliem li bihom, u ċ-ċirkustanzi l-oħra li fihom, sar dan

it-tkeskis, jekk verament sar, għaliex iċ-ċirkustanzi, sew antecedenti kemm konkomitanti, u anki sussegwenti, jekk xi ċirkustanzi simili jiġu pruvati, jistgħu talvolta jikkonduċu *għal interpretazzjoni* waħda jew għal interpretazzjoni oħra, skond il-każ;

Għalhekk, għal issa, din il-Qorti tipprovdi fuq l-appell fis-sens li tiddikjara ammissibbli x-xhieda offerti mill-kwerelat sabiex, għall-finijiet tal-inċiż (d) fuq imsemmi, jipprova li fil-jum in kwistjoni l-kwerelant, kif jallega hu, keskes lil *ħadd ieħor biex ma jaħdemx*;

Il-kawża tibqa' differita għall-25 ta' Lulju 1959 għal dan l-iskop.